# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 40/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Romina Xuereb**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Romina Xuereb, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 172179M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, fit-28 ta' Mejju, 2015, bħala bejjiegħa permezz ta' Pizza Moods Mobile

Kiosk ġewwa San Gwann, jew hi jew impjegati tagħha, jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tagħha, offriet li tipprovdi servizz lill-persuna oħra u/jew esponiet għall-bejgħ oġġetti waqt li kienet sprovista minn cash register fiskali u/jew kotba tar-riċevuti fiskali kif maħruġa jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, u dan bi ksur tal-partiti 1,2,3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta'l-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 ta' l-istess Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-20 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata multa ta' disa' mitt ewro (€900);

Rat ir-rikors tal-appellanti, Romina Xuereb, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-1 ta' Frar, 2016, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. L-aggravju tal-appellanti huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi tant illi x-xhud tal-prosekuzzjoni li allegatament kien intercettat mill-Ispetturi tal-VAT fil-kiosk in kwistjoni, kif ser ikun spjegat aktar 'l quddiem,

kien qiegħed post ieħor dak il-ħin u ma setax kien fil-kiosk in kwisjtoni. Inoltre, l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova. L-argumenti kollha mressqa mill-appellanti jistgħu lkoll jitqiesu li jaqgħu taħt l-istess argument ta' apprezzament ħażin tal-provi;

2. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda u l-provi prodotti kif ukoll ir-raġunijiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha. Minn hawn irrizulta li fil-jum u ħin indikat fl-imputazzjoni, Spetturi mid-Dipartiment tal-VAT kienu aċċedew għall-kiosk tal-ikel u hemm sabu persuna li kienet qed tagħmel bejgħ meta fil-kiosk ma kienx hemm *cash register* u anqas riċevuti fiskali manwali. Il-persuna identifika ruħu bħala Christopher Xuereb li provda ukoll in-numru tal-Karta tal-Identita' tiegħu. Il-kiosk jappartjeni lill-appellanti li dak il-ħin ma kienitx fuq il-post;

3. Christopher Xuereb ittella bħala xhud mill-proskezzjoni, apparti xhieda oħra, izda hu caħad li kien hu fil-kiosk kif ukoll li kien jaf lill-appellanti. Inoltre, lanqas biss seta kien hu għaliex hu għandu impjieg full time bħala xufier u dakinhar kien xogħol il-jum kollu. Il-qofol tal-kwistjoni kollha għalhekk hi jekk dan ix-xhud verament kienx fil-kiosk jew le;

4. Il-Qorti eżaminat ir-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti u hi tal-fehma li s-sentenza appellata hija radikata minn apprezzament korrett tal-fatti. Il-provi indizzjarji li jakkumpanjaw dawk diretti huma li min kien fil-kiosk mhux biss offra ismu, kunjomu u n-numru tal-karta tal-identita' tiegħu izda ukoll isem ħuh li dak il-ħin kien mar jikkonssenja xi ikel. Ix-xhud xehed illi wieħed minn ħutu fil-fatt jismu kif indika dan ix-xhud. L-istess xhud huwa xufier ta' Awtorita' assenjat biex jaqdi lid-dipartiment kollu u mhux esklużiv u għalhekk l-insistenza tiegħu li dakinhar kien xogħol il-jum kollu titlef mill-effett li ried li xtaq li jkollha;

5. Jirrizulta illi ghalkemm l-imputata ma kenitx fuq il-post meta saret l-ispezzjoni, numru tal-VAT 22289213 huwa registrat f'isimha;

6. L-appellanti mghandiex ragun meta tgħid li l-ewwel Qorti ma nkorporatx il-verżjoni tal-'imputat', dana ghaliex l-imputata qatt ma xehedet. Inoltre a fol 13 tal-proċess fit-tieni paġina tas-sentenza l-Qorti tgħid hekk:

*' Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lil Christopher Xuereb. Għandu jiġi relevat li dan ix-xhud assolutament mhux kredibbli. Huwa jsostni li lil Romina Xuereb ma jafhiex, m'għandu l-ebda konnessjoni magħha u li fil-ġurnata li saret l-ispezzjoni huwa kien ix-xogħol x'imkien ieħor. Huwa qal ukoll li dwar dan il-każ ma kien jaf xejn; żied li lanqas biss kien jaf għalfejn kien tħarrek bħala xhud u kien meta ġie l-Qorti li sar jaf għalfejn kien issejjaħ bħala xhud. Aktar minn hekk huwa qal li kellu ittra mingħand l-imgħallem tiegħu li kkonferma li fil-ġurnata li saret l-ispezzjoni huwa kien xogħol; din l-ittra imma ma ppreżentahiex.'*

7. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkunsidrat dak li qal ix-xhud Christopher Xuereb u din il-Qorti hija tal-istess konvinciement tal-ewwel Qorti qabilha. Ezaminata bir-reqqa is-sentenza appellata u l-atti proceswali, ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tikkontempla tiddisturba l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

8. Għal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.